**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**29 t'Awwissu, 2021**

# L-ISQOF FOSTNA



Nhar it-Tnejn li għadda ġie fostna l-Isqof Anton Teuma, flimkien ma' Dun Daniel Sultana, biex ifissrulna kif se jsir il-Pjan Pastorali Djoċesan għas-sena 2021-2022. Dan il-pjan se jibda jitwettaq minn Ottubru li ġej u jagħlaq fil-Pentekoste tal-2022. Fil-laqgħa li saret fil-knisja, Dun Daniel fisser kif fl-ewwel fażi se jsir talb speċjali. Għalina fil-parroċċa, dan jinkludi wkoll iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa għand il-morda u l-anzjani li ma joħorġux mid-dar.

Waħda mill-affarijiet li hija marbuta mal-Pjan Pastorali Djoċesan, huwa li jinġabar tagħrif fuq kull għaqda - tal-knisja u mhix - li għandna fil-parroċċa, dment li l-grupp involut ikollu xi rabta fil-ħajja tal-knisja.

Is-segreterija mwaqqfa f'kull parroċċa biex tmexxi 'l quddiem kull attività ta' tħejjija għall-pjan bħalissa qiegħda tqassam survery biex ikollna ħjiel aħjar ta' kif inhi sejra l-ħajja tal-Knisja fil-parroċċi kollha. Hawnhekk fin-Nadur qed jitqassmu madwar 50 kwestjonarju. Nitolbu lil dawk li jirċievu dan il-kwestjonarju online jew b'format stampat, biex jimlewh u jwassluh fis-segreterija tal-Pjan Pastorali jew inkella fl-Uffiċċju Parrokkjali.

Sadanittant nerġgħu nfakkrukom sabiex min irid li jkollu quddiesa għand il-morda fid-dar, ikellem lis-saċerdot jew ministru tal-Ewkaristija. Kif għidnielkom qabel, dan il-quddies se jkun iċċelebrat fix-xhur ta' Ottubru u Novembru.

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

## AVVIŻI:

**IS-SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar, wara l-quddiesa tal-5:00pm. Kulħadd huwa mistieden li jiġi u jitlob lil Alla biex ikollu ħniena mid-dinja li għandha tant ħtiġijiet.

**FL-OKKAŻJONI TAL-100 SENA:** fit-8 ta' Settembru li ġej se tiġi ċċelebrata quddiesa speċjali fl-okkażjoni ta' għeluq il-mitt sena mill-mewt tal-Arċipriet Martin Camilleri (1921-2021). Il-quddiesa tkun fis-7:00pm. Infakkrukom li baqgħalna ftit kopji tal-kotba tat-tabib Mario Saliba u Daniel Meilak, li jittrattaw fuq dan l-Arċipriet u fuq ġrajjiet oħrajn li seħħu fi żmienu.

**AVVIŻ MILL-MUŻEW TAL-BNIET:** il-ġenituri li ser ikollhom it-tfal bniet fil-Year 1 u 2 (2021/2022) huma mitluba li jiġbru l-consent form mill-Mużew tal-bniet mis-6 sal-10 ta' Settembru, minbarra l-Erbgħa, bejn il-5:00 u s-6:00pm. Meta jimlew id-dettalji kollha jimpostawha fil-kaxxa tal-ittri tal-Mużew tal-Bniet sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 14 ta' Settembru.

**IL-KUNSILL LOKALI:** flimkien ma' Lina Mifsud javżaw li d-Day Centre tal-anzjani se jerġa' jibda bi prova nhar l-14 ta' Settembru fis-Sala Parrokkjali. Il-laqgħa ser nippruvaw li tkun kull ħmistax u nżommu mar-regoli tal-Awtorità tas-Saħħa. Kull min ser jattendi jrid jirreġistra minn qabel ma' Lina Mifsud.

**LOGĦOB BIL-BALLUN FUQ IZ-ZUNTIER:** nitolbu lill-ġenituri biex jikkoperaw magħna u jgħidu lit-tfal li ma nistgħux inħallu li jibqa' jsir logħob bil-ballun fuq iz-zuntier. Dan l-aħħar tkissret waħda mit-twieqi fil-faċċata tal-knisja u jekk ma nsibux il-ħġieġ bħal dak li hemm fit-tliet twieqi l-oħrajn, se jkollna nbiddlu l-ħġieġ kollu. Aħna ċerti li intom tifhmu u tfiehmu wkoll lit-tfal. Nirringrazzjawkom tal-kollaborazzjoni tagħkom.

**RESTAWR FIL-KNISJA:** ix-xogħol ta' restawr fil-knisja minn ġewwa għaddej ġmielu. Sar xogħol kbir ta' restawr fil-pasta fil-biċċa tas-saqaf fejn hemm armat l-iscaffolding. Fil-ħarġa li jmiss tar-rivista parrokkjali jkollna l-opportunità li nagħtukom iktar tagħrif.

**BRAZZULETTA:** fil-knsija nstabet brazzuletta tad-deheb. Min jaf b'xi ħadd li tilifha jkellem lill-Arċipriet.

**BOLLI ANTIKI:** għandna ftit bolli antiki li lesti nagħtu b'xejn lil xi kollezzjonista. Min hu interessat jiġi l-Uffiċċju. First come first served.

**RAM U ALUMINJU**: nirringrazzjaw lil dawk il-ħafna individwi, negozji u ħwienet tal-ikel li qed jikkollaboraw mal-parroċċa biex niġbru fondi mill-bejgħ tal-aluminju, ram u brass. Kif rajtu dan l-aħħar ġbarna fuq elf ewro għall-parroċċa minn dan il-bejgħ. Għalhekk komplu ġibu bottijiet tal-aluminju, vitien qodma tal-kċina, tad-doċċa u tas-sinkijiet, wajers tad-dawl u kanni tar-ram qodma, linef tal-bronż u pompi tal-bexx tar-ram. Dawn kollha jistgħu jinbiegħu.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**SALA PARROKKJALI**: **Is-Sibt:** fis-6:00pm (issir fil-bitħa tal-Mużew Marittimu)

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am